Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/37*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 37 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar, 2016 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-36

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Financial Statements 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv kien qassam id-dokument tal-Financial Statements 2015 ippreparat mill-Accountant Sharon Zammit lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u innota b'sodisfazzjon li għal darb'oħra qed jibqa' bilanċ. Il-Kunsill qabel li matul din is-sena li għadha kif bdiet għandu joqgħod attent sabiex jibqa' iżomm bilanċ. Il-Kunsill m'għandux jidħol għall-proġetti kapitali kbar. Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements 2015. Dawn l-statements għad jistgħu ikunu aġġustati mill-udituri tal-Gvern peress li għad irid isir l-awditjar fil-ġimgħat li ġejjien.

## 4. Performance Bonus 2015 tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2015 mal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi rakkomandat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus sħiħ (10%).

## 5. Offerti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għadda r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-Offerti Nru 2015-02 u 2015-03:-

i. **Tender No 2015-2 – Supply of Cold Asphalt and for the maintenance and patching with hot rolled asphalt of various street as directed by the L-Għasri Local Council.** Peress li irċevejna offerta waħda l-Bord ta' Evalwazzjoni talab lill-Perit Mario Cordina (Contract Manager) sabiex jivverifika jekk ir-rati ta' Lot 1 dwar Patching with hot rolled asphalt of various streets as directed by the L-Għasri Local Council humiex skond kif qed imorru fis-suq. Il-Perit ikkonferma li r-rati huma konformi ma' offerti oħra mitfugħa f'Kunsilli oħra. Dwar Lot 2 Supply of Cold Asphalt il-Kuntrattur baqa' ma ġabx sample ta' cold asphalt u għalhekk il-Perit ma setax jivverifika jekk il-kwalita hiex tajba. Il-Bord irrakkomanda li l-Kunsill għandu jaċċetta l-offerta dwar Lot 1 filwaqt li jieħu deċiżjoni dwar jekk għandux jerġa' jitlob lill-Kuntrattur biex iġib sample tal-cold asphalt biex il-Perit ikun jista' jivverifika jekk hux ta' livell kif mitlub skond l-ispeċifikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni u għalhekk għandna naċċettaw li nagħtu l-offerta lil Road Construction Co Ltd dwar Lot 1 biss jiġifieri għall-Patching with hot rolled asphalt of various streets as directed by the L-Għasri Local Council. Dwar Lot 2 Supply of Cold Asphalt il-Kunsill ma qabilx li għandha tingħata din l-offerta u lanqas li għandna nerġgħu nipruvaw inġibu sample ta' cold asphalt.

ii. **Tender No 2015-03 – Laying of hot asphalt including ancillary works at Triq il-Fanal, L-Għasri.** Il-Kunsill irċieva żewġ offerti li huma ta' Gatt Tarmac Ltd u Road Construction Co LTd. Il-Bord ta' Evalwazzjoni talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinfurmah jekk il-Kunsill għandux il-fondi neċessarji biex jagħmel dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Bord li jekk il-Kunsill ma jġibx fondi tal-Ewropa jew xi skema speċjali mhux ser ikun possibbli li dan jitwettaq. Għalhekk fid-dawl tal-fatt li dan ix-xogħol mhux ser ikun jista' jsir peress li ż-żewġ offerti huma 'l fuq mill-baġit tal-Kunsill, il-Bord ta' Evalwazzjoni astjena milli jiproċedi bl-għażla tal-offerta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta titħalla pendenti u jekk fil-futur qrib niksbu fondi tal-EU jew xi skema speċjali inkunu nistgħu nibdew il-proċess tal-għażla tal-offerta. Il-Kunsill kien ħareġ din l-offerta għar-raġuni li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ħareġ skema dwar proġetti kapitali. Sfortunatament l-applikazzjoni tal-Kunsill tagħna ma ġietx magħżula u għalhekk il-Kunsill ma ingħatax il-fondi meħtieġa biex isir dan il-proġett.

## 6. Korrispondenza

6.01 Memo 01/2016 – Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) 2014.

6.02 Memo 02/2016 – Emendi għall-Att Dwar Kunsilli Lokali.

6.03 Memo 03/2016 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

6.04 Memo 04/2016 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2016-17. Il-Kunsill qabel li napplikaw f'din l-iskema biex isir il-kors tal-ħjata.

6.05 Memo 05/2016 – Depożitu jew Użu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor.

6.06 Mariano Gauci ta' Triq Għammar talab biex il-Kunsill jgħin fl-ispejjeż biex jipprintja informazzjoni dwar il-wirja li tittella' fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Din il-wirja ser issir fi Triq Għammar u jekk il-Kunsill jaqbel din tkun qed tittella' bil-koperazzjni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel bi tlett voti favur u żewġ astensjonijiet li ngħinu biex issir din il-wirja. Is-Sindku qabel li għandna nipromwovu attivitajiet bħal dawn u fil-futur għandna noħorġu avviż biex kull min ikollu xi affarijiet simili anke fi żminijiet oħra bħal fil-Milied jew fil-festa, il-Kunsill għandu jħeġġeġ u jkattar l-attivitajiet kulturali fir-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

6.07 Raymond Abela ta' TCTC informa lill-Kunsilli ta' Għawdex dwar korsijiet li ser jorganizza f'Għawdex dwar l-IT. Huwa qed jitlob li kull Kunsill iħallas €300 u l-kumplament tal-ispejjeż joħroġhom il-Kumitat Reġjoni u anke minn fondi tal-EU. Il-Kunsill ma qabilx li għandna inħallsu €300 daqs irħula kbar. L-ammont tal-ispejjeż għandu jinqasam skond il-popolazzjoni tal-lokalitajiet.

6.08 Vincent De Bono informa lill-Kunsill li għadu kif ippubblika kotba dwar esperjenzi paranormali ta' persuni maltin u għawdxin. Huwa qed ibigħ dawn il-kotba għal prezz ta' €30 għal set ta' tnejn. Is-Sindku qal li dawn huma interessanti u ippropona li nixtru tnejn. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-37 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Is-Sindku ippropona li niktbu ittra lill-Ministru Għal Għawdex fejn nitolbu li niltaqgħu miegħu sabiex niddiskutu fost affarijiet oħra dwar l-istat tat-toroq ta' Triq Wied L-Għasri u Triq Fanal u anke dwar post ta' rikreazzjoni fil-lokalita ta' L-Għasri. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsill u għalhekk se tintbgħat ittra biex nitolbu laqgħa.

8.02 Peress li l-Kunsill bagħat diversi emails dwar l-istat tal-Fanal ta' Ġordan u qatt ma' ħadna risposta s-Sindku ippropona li niktbu ittra oħra dwar dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar kuntatti li għamel mas-Superjur tal-Museum sabiex iż-żewġ naħat flimkien nikkordinaw attivitajiet għat-tfal tar-raħal tagħna.

8.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien mar jara x'hemm bżonn isir dwar ilqugħ għall-ilma tax-xita fil-ġibjun li hemm fi Triq Salvu Gambin. Is-Sindku qal li Anton Mintoff għandu jagħtih stima tal-grada u xogħol konness biex tkun tista' teħel. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikkordina sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

8.05 Elizabeth Cini ta' Triq it-Tamar u Daniel Pace mir-Rabat ilmentaw mal-Kunsill dwar l-istat ta' Triq Wied L-Għasri. Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li din it-triq kienet fi stat ħażin ħafna ordna lill-ħaddiema tas-CMU

flimkien mal-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jillevellaw it-triq permez taż-żrar u ramel u wara ġiet irromblata minn Anton Mintoff. Għalhekk dan l-ilment ġie trattat u solvut.

8.06 Is-Sindku ippropona sabiex għall-ewwel darba fir-raħal tagħna tiġi organizzata attivita fi żmien il-Karnival. Is-Sindku qal li l-attivita tista' issir flimkien mal-Kunsill taż-Żgħaħagħ u l-Kumitat tal-Festa. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ qal li tista' issir ikla fejn kulħadd ikun mistieden jattendi liebes kostumi tal-Karnival. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u għalhekk l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Matthew Attard se jieħu ħsieb biex isiru l-avviżi. Il-Kunsill qabel li jordna PA system biex din l-attivita tkun tista' issir.

8.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa qed jiltaqa' mal-Perit Mario Cordina (Contract Manager) biex flimkien jiddiskutu dwar proġetti li jistgħu isiru fir-raħal. L-għan ta' dawn il-laqgħat huwa li jsiru pjanti u applikazzjonijiet mal-MEPA sabiex meta joħorġu skemi speċjali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jew applikazzjonijiet għall-fondi tal-EU inkunu f'pożizzjoni li nistgħu napplikaw għalihom. Li kien qed jiġri huwa li meta kien hawn dawn l-iskemi l-Kunsill kien jiġi mitlub il-permessi tal-MEPA u peress li ma kelnix l-applikazzjoni tagħna ma kienux qed jiġu approvati. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw għall-permessi meħtieġa u b'hekk meta ikun hemm skemi speċjali jew fondi tal-EU inkunu nistgħu napplikaw għalihom. Is-Sindku qal li qed jiġu diskussi biex fil-lokalita' tagħna ikun hawn post ta' rikreazzjoni, isir tindif tal-Wied l-Għasri inkluż proġett ta' ilqugħ għall-ilma tax-xita, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u xogħlijiet oħra. Huwa qal ukoll li qed tiġi diskussa ukoll kif Triq tal-Fanal nistgħu niksbu fondi għaliha biex issir bit-tarmak.

8.08 Toni Vella miż-Żebbuġ informa lill-Kunsill dwar blata li ċediet fl-inħawi tal-Gallina u qegħda ta' periklu għall-vetturi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li din kienet ta' periklu huwa kien qabbad lil Anton Mintoff sabiex ineħħi l-blata u b'hekk jitneħħa kull periklu li seta' kien hemm.

8.09 Mario Micallef mill-Fontana ilmenta dwar parti minn Triq Wied l-Għasri fejn qed iżomm l-ilma tax-xita u ma jkunux jistgħu jgħaddu bil-vetturi. Is-Sindku qal li din il-problema hija inkluża mal-proġett li qed jaħdem fuqu mal-Perit tal-Kunsill u għalhekk meta jkolna l-permessi meħtieġa u sintendi l-fondi ikun jista' jsir ix-xogħol biex jissolvew dawn il-problemi.

8.10 Is-Sindku ippropona sabiex fi żmien il-festa tiġi ippubblikata rivista dwar xogħlijiet u attivitajiet li jkun għamel il-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva. Is-Sindku se jikkordina sabiex din tkun tista' issir.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Frar, 2016 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |